

Brussell, 22 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8952/18

DEVGEN 65
RELEX 405
ASIE 23
COASI 126
FIN 385

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7952/18	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 4/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Assistenza mill-UE lill-Myanmar/Burma - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Mejju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport speċjali Nru 4/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar Assistenza mill-UE lill-Myanmar/Burma, kif adottati mill-Kunsill fit-3618-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar Assistenza mill-UE lill-
Myanmar/Burma¹

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar Assistenza mill-UE lill-Myanmar/Burma fil-perijodu 2012-2016. Il-Kunsill jissottolinja r-rilevanza tar-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari li l-appoġġ għall-iżvilupp mill-UE lill-pajjiż kien parzjalment effettiv. Il-Kunsill ħa nota wkoll tat-tweġibiet tas-SEAE u tas-Servizzi tal-Kummissjoni.
2. Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fi Myanmar/Burma tinsab fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2018².
3. B'rabta mal-ksib tal-oġġettivi, il-Kunsill jinnota li minkejja l-kuntest diffiċli nkisbu riżultati tajbin; iżda li nofs il-proġetti awditjati biss ippreżentaw l-eżiti ipplanati fiż-żmien tal-awditu, prinċipalment minħabba dewmien fl-implimentazzjoni.
4. Il-Kunsill jinnota li skont il-Qorti, l-UE rreaġixxiet malajr għall-bidliet politiċi fil-pajjiż u qdiet rwol importanti u ewlieni fl-għoti ta' appoġġ lill-prijoritajiet ta' żvilupp f'kuntest diffiċli billi allokati fondi sinifikanti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-pajjiż. Madankollu, il-Kunsill jinnota l-fehma tal-Qorti li jinħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lill-oqsma ta' appoġġ sabiex jiżdied l-impatt tal-assistenza esterna mill-UE lill-Myanmar/Burma. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tagħti aktar attenzjoni lill-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku.

¹ 6465/18

² 6418/18

5. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi operazzjonalizzata r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, li għaliha l-Myanmar/Burma ntgħażlet bħala wieħed minn sitt pajjiżi pilota. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tiżgura koordinazzjoni msaħħa bejn is-servizzi tagħha bl-għan li jissaħħu s-sinerġiji bejn l-assistenza umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll biex tinvolvi ruħha ma' Stati Membri u tagħtihom informazzjoni dwar il-programmi li għandhom jiġu implimentati b'mod regolari u fil-waqt. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-UE tiegħu approċċ speċifiku għall-kuntest meta timplimenta r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp.
6. Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li d-dispożizzjonijiet relatati mal-kontroll tal-ispejjeż tal-kuntratti tal-UE-NU ftit li xejn kellhom impatt filwaqt li jinnota wkoll il-fehma tal-Kummissjoni li l-infiq huwa konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli tal-UE. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-fondi fiduċjarji mmaniġġjati min-NU huma kosteffiċjenti. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota s-sejba tal-Qorti li l-Kummissjoni użat id-dispożizzjonijiet tal-proċeduri kuntrattwali f'każ ta' kriżi b'mod estensiv wisq filwaqt li għaraf ukoll il-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni li hija applikat id-dispożizzjonijiet f'għadd limitat ta' okkażjonijiet u b'rispett sħiħ tar-regoli applikabbli.
7. Il-Kunsill jilqa' l-kisbiet pożittivi tal-proċess ta' programmazzjoni konġunta f'Myanmar/Burma. Huwa jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiġġustifikaw u jiddokumentaw aħjar l-allokazzjoni ta' finanzjament lis-setturi fokali kif ukoll lil azzjonijiet individwali. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza ta' monitoraġġ tajjeb u l-użu tal-indikaturi adegwati.
8. Il-Kunsill jappella lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jiżguraw viżibbiltà aħjar tal-assistenza esterna tal-UE f'Myanmar/Burma, inkluż billi jaħdmu flimkien mal-Istati Membri tal-UE.